MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru. 513/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Anne Marie Micallef**

**vs**

**Jean Luc Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jean Luc Micallef ta' 25 sena, bin Pierre u Maria Dolores nee' Pace, mwieled l-Pieta' nhar il-31 ta' Dicembru 1984 u residenti Villa Fjuri, 59, Triq ta' Fuq il-Widien, Santa Marija Estate, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' numru 53985(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fis-26 t' Awwissu 2009, ghall-habta ta' bejn it-tmienja u l-ghaxra ta' filghaxija gewwa n-Nicky Exiles Beach Club, sitwat fi Triq it-Torri, Sliema, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor u cioe ta' Mark Joseph Portelli f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Mark Joseph Portelli, u dan kif iccertifikat Dr. Lynn Grech M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba, sabiex jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tiehgu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' April 2011 (esebita a fol. 58 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a), 216(1)(b), 338(dd) u 383 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 t' April 2011, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident konsistenti fi glieda li sehhet fis-26 ta' Awwissu 2009 bejn it-8.00pm u l-10.00pm f'Nicky Beach Club maghruf bhala

Exiles fi Triq it-Torri, tas-Sliema liema glieda sehhet bejn il-parti civili Mark Joseph Portelli u l-imputat fil-kawza odjerna u fejn il-parti civili sofra griehi li gew klassifikati bhala ta' natura gravi skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku nserit a fol. 19 tal-atti processwali u li gie debitament konfermat minn Dr. Lynn Grech li xehdet waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2011 u fejn l-imputat sofra griehi ta' natura hafifa skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku nserit a fol. 77 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat :

Illi l-parti civili Mark Joseph Portelli xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2010 fejn huwa sostna li waqt li kien qieghed fil-post imsemmi akatar 'il fuq qed jitkellem ma xi habib tieghu u talab sigarett lil dan il-habib sema' lill-imputat jghaddi kumment fil-konfronti tieghu fejn semma il-kelma 'bum' u huwa jghid li waddablu s-sigarett u kompla jitlkellem ma siehbu meta f'daqqa wahda hass daqqa f'rasu u sema' hoss u huwa ra d-demm hiereg minn rasu. Portelli isostni li huwa ma tax daqqiet lura b'rispett tal-barman li kien habib tieghu u spjega li mal-art ra flixkun ahdar li kien jew tal-Perrier jew tal-Heineken. Huwa jghid li imbaghad habib tieghu hadu l-policlinic sabiex jigi kurat. Huwa jghid ukoll li mar jaghmel rapport l-ghada tal-incident ghaliex beza' jmur l-Ghassa dakinhar ghaliex qabel kellu xi ncidenti ohra mal-Pulizija. In kontro-ezami Portelli kkonferma li huwa ghandu jaghti xi flus lill-imputat izda qal li meta l-imputat qallu l-kliem 'once a bummer always a bummer' huwa bl-ebda mod ma rreagixxa ghal dan il-kliem.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 17 u 18 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2011 ta l-istess verzjoni tal-fatti fis-sens li huwa qal li Portelli li qabel kien habib tieghu kelu jaghtih €2,500 u nonostante li kien talabhomlu diversi drabi dan baqa' ma hallsux. Huwa spjega li kien in-Nicky's Beach Club mat-tfajla tieghu Sarah Camilleri u ma shabu meta Mark Joseph Portelli talab sigarett lil siehbu u huwa minn taht l-ilsien ghadda kumment 'once a bummer always a bummer' u meta

Portelli sema’ dan l-kliem dan imbuttah u l-imputat imbuttah lura u mbaghad Portelli fajjarlu daqqa ta’ ponn u huwa ddefenda ruhu. Huwa cahad li kien ta daqqa b’xi haga tal-hgieg u jghid li d-drink li kien qed jixrob kien f’tazza tal-plastic u spjega inoltre li waqt il-glieda tilef l-arlogg li kellu f’idejh li kien tal-marka Sector u kellu wicc kbir u kien tal-istainless steel u jispjega li jista’ jkun li waqt il-glieda Portelli intlaqat b’dan l-arlogg. Huwa jghid inoltre li l-barman Romain Anthony Cutajar mar jifridhom  Meta Portelli telaq sabiex imur il-policlinic huwa telaq u mar lejn id-dar. Huwa spjega li siehbu qallu li wara li tela kienu gew ghalih missier u hu Portelli u spjega inoltre li hu Portelli kien cempillu fuq il-mobile phone u qallu li kienu ser ipattuhielu. L-imputat spjega li huwa sofra griehi ta’ natura hafifa u esebixxa c-certifikat relattiv. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat giet korroborata mit-tfajla tieghu Sarah Camilleri li xehdet waqt l-udjenza tas-7 ta Ottubru 2011 kif ukoll mill-barman Romain Anthony Cutajar li xehed f’dawn il-proceduri fl-istess udjenza tas-7 ta Ottubru 2011 u anki waqt l-udjenza tal-11 ta’ Marzu 2011.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi migjuba mill-partijiet f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu u li ma jistghax jinghad li jirrizulta li huwa kellu l-intenzjoni li jikkaguna griehi ta’ natura gravi lil Portelli. Il-Qorti li kellha l-opportunita’ li tisma lil Mark Anthony Portelli jixhed viva voce quddiemha tiddubita serjament mill-kredibillita ta’ dan ix-xhud u dan jinghad ghaliex ghalkemm huwa sostna li fl-ebda hin ma agredixxa jew mess lill-imputat il-provi juru xort’ohra. Romain Cutajar fil-fatt jghid li huwa mar sabiex iferraq lill-imputat u lil Portelli u dan ifisser li huma kienu fl-idejn u li ghalhekk  dak li qed isostni Portelli li huwa fl-ebda hin ma mess lill-imputat m’huwiex minnu. Inoltre l-imputat produca certifikat mediku li jindika li huwa effettivament sofra griehi u l-verzjoni tal-fatti minnu moghtija li kienet dejjem konsistenti giet korroborata mit-tfajla tieghu Sarah Camilleri. Il-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat anki ghaliex huwa dejjem kien konsistenti u qatt ma cahad li

meta qala’ d-daqqiet huwa ta lura d-daqqiet sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Il-Qorti ma jidrilhiex li gie pruvat li l-imputat b’xi mod ecceda il-limiti tal-legittima difesa u ghalkemm huwa minnu kif sostniet l-abbli Ufficjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni finali li kien l-imputat li ghadda l-kumment li tista’ tghid beda’ kollox, kien Portelli li rreagixxa ghal dan il-kumment b’mod fiziku u li kien jeccedi bil-bosta il-limiti tal-provokazzjoni li saritlu.

L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwe(1)l imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. It-tieni(2) imputazzjoni li tikkonsisti fi ksur ta’ buon ordni u paci pubblika hija ta’ natura kontravenzjonali u stante li l-incident de quo sehh fis-26 ta’ Awwissu 2009 u c-charge sheet odjerna inharget fl-24 ta’ Mejju 2010 il-Qorti qed tissolleva l-preskrizzjoni trimestrali ex ufficio ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni. In kwantu jirrigwarda t-tieni(2) imputazzjoni l-Qorti tissolleva ex ufficio l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement tiddikjara din l-azzjoni bhala estinta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------